Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fis-26 ta’ April 2018[1]

**Kawża C-629/16**

**CX**
**fil-preżenza ta’**
**Bezirkshauptmannschaft Schärding**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trasport internazzjonali bit-triq – Ftehim li joħloq assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija – Artikolu 9 – Protokoll Addizzjonali – Artikoli 41 u 42 – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Klawżola ta’ ‘standstill’ – Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni KE-Turkija – Artikoli 5 u 7 – Moviment liberu tal-merkanzija – Miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi – Trasportatur Tork ta’ merkanzija li jgħaddi minn ġo Stat Membru fi tranżitu – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta tali trasport jew għal awtorizzazzjoni mogħtija fil-limiti ta’ kwota ffissata skont ftehim bilaterali konkluż bejn l-Istat Membru u t-Turkija, jew għal permess individwali maħruġ għal trasport li jkun ta’ interess pubbliku maġġuri”

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija) tressqet fil-kuntest ta’ tilwima bejn id-diriġent ta’ kumpannija tat-trasport Torka u awtorità amministrattiva Awstrijaka li imponietlu multa talli wettaq trasport kummerċjali ta’ merkanzija mit-Turkija b’destinazzjoni lejn il-Ġermanja b’passaġġ minn ġol-Awstrija, mingħajr ma kellu l-awtorizzazzjoni meħtieġa għal dan il-għan.

2. Skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka, it-trasport kummerċjali internazzjonali ta’ merkanzija bit-triq b’destinazzjoni lejn, b’passaġġ minn ġo jew li jitlaq mit-territorju Awstrijak jista’ jsir biss b’awtorizzazzjoni. Għat-trasportaturi li għandhom is-sede tagħhom fit-Turkija (iktar ’il quddiem it-“trasportaturi Torok”), din l-awtorizzazzjoni tista’ tieħu l-forma jew ta’ awtorizzazzjoni maħruġa fil-limiti ta’ kwota ffissata skont il-Ftehim Bilaterali Konkluż bejn ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Repubblika tat-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq[2] (iktar ’il quddiem il-“Ftehim tal-Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq”), jew ta’ permess individwali maħruġ għal trasport wieħed li jkun ta’ interess pubbliku maġġuri. Tali permess jinħareġ biss jekk l-applikant juri b’mod suffiċjenti li t-trasport ma jistax ikun evitat permezz ta’ miżuri loġistiċi u lanqas permezz tal-għażla ta’ mezz ta’ trasport ieħor.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Abkommen zwischen dem Bundesminister für Handel, Gewerbe und Industrie der Republik Österreich und dem Außenminister der Türkischen Republik über den internationalen Straßenverkehr (il-Ftehim Bejn il-Ministru Federali għall-Kummerċ, għall-Artiġġjanat u għall-Industrija tar-Repubblika tal-Awstrija u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tat-Turkija dwar it-Trasport Internazzjonali bit-Triq) (BGBl. 274/1970, fil-verżjoni tal-BGBl. 327/1976).

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, fuq il-konformità tas-sistema Awstrijaka ta' awtorizzazzjoni stabbilita fir-rigward tat-trasportaturi Torok mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija (iktar 'il quddiem l-"Assoċjazzjoni KEE-Turkija"), b'mod partikolari dawk previsti mill-Ftehim dwar il-Ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija [3] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija"), mill-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija [4] (iktar 'il quddiem il-"Protokoll Addizzjonali") kif ukoll mid-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija [5] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni").

4. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, l-ewwel nett, jekk ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jistax jinvoka d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija sabiex isostni li s-sistema Awstrijaka ta' awtorizzazzjoni tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew jekk l-imsemmija sistema taqax iktar taħt il-provvista ta' servizzi ta' trasport. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, barra minn hekk, jekk is-sistema Awstrijaka ta' awtorizzazzjoni għandhiex effett diskriminatorju kontra t-trasportaturi Torok, bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija.

5. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega r-raġunijiet li għalihom inqis, min-naħa, li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni taqa' taħt il-qasam tal-provvista tas-servizzi ta' trasport u, min-naħa l-oħra, li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija ma jipprekludux tali leġiżlazzjoni, sakemm il-qorti tar-rinviju tkun żgurat ruħha li din il-leġiżlazzjoni ma tinvolvix restrizzjoni ġdida għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija*

6. Skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE–Turkija, "[i]l-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li fil-qasam ta' applikazzjoni tal-Ftehim, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari li jistgħu jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 8, kull diskriminazzjoni mwettqa minħabba n-nazzjonalità hija pprojbita skont il-prinċipju stipulat fl-Artikolu 7 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

7. L-Artikolu 10 tal-Ftehim jipprovdi:

"1. L-Unjoni Doganali prevista fl-Artikolu 2(2) tal-Ftehim għandha testendi għall-kummerċ kollu ta' merkanzija.

3 Ftehim iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u l-Komunità, min-naħa l-oħra, konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10).

4 Protokoll iffirmat fi Brussel fit-23 ta' Novembru 1970, konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol 11, p. 41).

5 Deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali (ĠU 1996, L 35, p. 1).

2. L-Unjoni Doganali għandha tinvolvi:

– il-projbizzjoni bejn l-Istati Membri tal-Komunità u t-Turkija, fuq l-importazzjoni kif ukoll fuq l-esportazzjoni, tad-dazji doganali u taxxi li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi, kif ukoll ta' kull miżura oħra li għandha effett ekwivalenti intiża li tiżgura għall-produzzjoni nazzjonali protezzjoni li tmur kontra l-għanijiet tal-Ftehim;

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8. Skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim, "[i]l-Partijiet Kontraenti jaqblu li jispiraw ruħhom mill-Artikoli 55, 56 u 58 sa 65 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità sabiex jeliminaw bejniethom ir-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9. L-Artikolu 15 tal-Ftehim jipprovdi li "[l]-kundizzjonijiet u modalitajiet ta' estensjoni għat-Turkija tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità u tal-atti adottati abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal dak li jirrigwarda t-trasport għandhom jiġu stabbiliti filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ġeografika tat-Turkija." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

*2. Il-Protokoll Addizzjonali*

10. L-Artikolu 41, li jinsab fil-Kapitolu II tat-Titolu II tal-Protokoll Addizzjonali, intitolat "Id-dritt ta' l-istabbeliment, tas-servizzi u tat-trasport", huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jibqgħu lura milli jintroduċu bejniethom xi restrizzjonijiet ġodda rigward il-libertà ta' l-istabbeliment u l-libertà tal-provvediment ta' servizzi.

2. Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni għandu, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14 tal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni, jiddetermina t-tabella taż-żmien u r-regoli għall-abbolizzjoni progressiva mill-Partijiet Kontraenti, bejniethom, tar-restrizzjonijiet rigward il-libertà ta' l-istabbeliment u l-libertà li jkunu pprovvduti servizzi.

Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni għandu, meta jiddetermina tabella taż-żmien bħal din u regoli għad-diversi klassijiet ta' attività, jieħu akkont tal-miżuri korresspondenti diġa adotti mill-Komunità f'dawn l-oqsma u wkoll iċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali speċjali tat-Turkija. Prijorità għandha tingħata għall-attivitajiet li jagħmlu kontribuzzjoni partikolari għall-iżvilupp tal-produzzjoni u l-kummerċ".

11. L-Artikolu 42, li jinsab fl-istess kapitolu tal-Protokoll Addizzjonali jipprovdi:

"1. Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni għandu jestendi lejn it-Turkija, b'konformità mar-regoli li hu għandu jiddetermina, id-disposizzjonijiet tat-trasport tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità b'attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni ġeografika tat-Turkija. Bl-istess mod hu jista jestendi lejn it-Turkija miżuri meħuda mill-Komunità fl-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq jew b'kanali ta' ilma nterni.

[...]"

*3. Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

12. Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, "[b]la ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Ankara, tal-Protokolls Addizzjonali u Supplimentari tiegħu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija jistabbilixxi iktar 'il quddiem il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali prevista fl-Artikoli 2 u 5 tal-imsemmi ftehim" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

13. L-Artikolu 5, li jinsab fis-Sezzjoni II tal-Kapitolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, intitolat "Eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kwantitattivi jew tal-miżuri li għandhom effett ekwivalenti", jipprovdi:

"Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti għandhom ikunu pprojbiti bejn il-Partijiet Kontraenti". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

14. Skont l-Artikolu 7, "[l]-Artikoli 5 u 6 ma jipprekludux il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni jew ta' tranżitu ġġustifikati għal raġunijiet ta' moralità pubblika, ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika, ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni u tal-annimali jew ta' preżervazzjoni tal-pjanti, ta' protezzjoni tat-teżori nazzjonali li għandhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, jew ta' protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali. Madankollu, projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet bħal dawn la għandhom jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija fil-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

## *B. Id-dritt Awstrijak*

### *1. Il-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq ta' Merkanzija*

15. Skont l-Artikolu 1 tal-Güterbeförderungsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq ta' Merkanzija) tal-1995 (BGBl. 593/1995, fil-verżjoni ppubblikata fil-BGBl. 96/2013, iktar 'il quddiem il-"GütbefG"), il-liġi tapplika b'mod partikolari "għat-trasport kummerċjali ta' merkanzija mwettaq minn impriżi ta' trasport permezz ta' vetturi bil-mutur tat-triq bi trejler jew mingħajru li l-piż total ammissibbli tagħhom jaqbeż 3 500 kilo".

16. L-Artikolu 2 tal-GütbefG, intitolat "Liċenzji obbligatorji u tipi ta' liċenzja" jipprovdi:

"(1) It-trasport kummerċjali ta' merkanzija permezz ta' vetturi bil-mutur jista' jsir biss abbażi ta' liċenzja ħlief dispożizzjoni kuntrarja ta' din il-liġi (Artikolu 4). [...]"

17. L-Artikolu 7 tal-GütbefG, intitolat "Trasport internazzjonali" jipprovdi:

"(1) Minbarra d-detenturi tal-liċenzji msemmija fl-Artikolu 2, huma awtorizzati jwettqu trasport kummerċjali ta' merkanzija permezz ta' vetturi bil-mutur, minn postijiet li jinsabu barra mit-territorju federali lejn it-territorju federali jew b'passaġġ minn ġot-territorju federali jew minn postijiet li jinsabu fit-territorju federali lejn pajjiż ieħor, l-impriżi li, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli fl-Istat li fit-territorju tiegħu huma stabbiliti, jistgħu jittrasportaw merkanzija permezz ta' vetturi bil-mutur u huma detenturi ta' waħda mill-awtorizzazzjonijiet li ġejjin:

1. liċenzja Komunitarja skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 [6],

2. awtorizzazzjoni maħruġa skont ir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Ġunju 1973, tal-Kunsill tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri għat-trasport (KEMT),

3. permess tal-Ministru għat-Trasport, għall-Innovazzjoni u għat-Teknoloġija li jkopri t-traspost b'destinazzjoni lejn, b'passaġġ minn ġo jew li jitlaq mill-Awstrija,

4. awtorizzazzjoni maħruġa mill-Ministru għat-Trasport, għall-Innovazzjoni u għat-Teknoloġija skont ftehim internazzjonali [...]".

6 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 [...] dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU 2009, L 300, p. 72).

18. L-Artikolu 8 tal-GütbefG, intitolat "Ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet", jipprovdi:

"(1) Il-permess imsemmi fl-Artikolu 7(1)(3) jinħareġ għal trasport ta' merkanzija wieħed. Dan jinħareġ biss għal interess pubbliku maġġuri. Huwa l-applikant li għandu juri b'mod suffiċjenti li t-trasport ma jistax ikun evitat b'miżuri loġistiċi u lanqas bl-għażla ta' mezz ieħor ta' trasport. Il-permess jiġi rrifjutat meta (fid-dawl b'mod partikolari tal-istrutturi ta' trasport eżistenti fit-territorju federali) it-trasport tal-merkanzija mitlub ma jkunx jirrifletti xi bżonn. Għal dan il-għan għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-ekonomija u tal-moviment tal-Awstrija, il-protezzjoni tal-popolazzjoni u tal-ambjent kif ukoll il-possibbiltà li t-trasport ta' merkanzija jsir permezz tal-użu ta' strutturi oħra ta' trasport. […]

(3) Jistgħu jiġu konklużi ftehimiet abbażi ta' din il-liġi federali li jirrigwardaw it-trasport internazzjonali ta' merkanzija msemmi fl-Artikolu 7 meta l-volum tat-traffiku internazzjonali ta' merkanzija jkun jeżiġi dan. Il-ftehimiet jistgħu jippermettu, abbażi tar-reċiproċità, lill-vetturi bil-mutur irreġistrati barra mill-pajjiż iwettqu trasport b'destinazzjoni lejn, b'passaġġ minn ġo jew li jitlaq mill-Awstrija. Jistgħu jiġu ffissati kwoti bejn l-Istati, f'limiti li għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-ekonomija u tal-moviment tal-Awstrija, il-protezzjoni tal-popolazzjoni u tal-ambjent. […]

(4) Il-kwota miftehma għandha tinqasam permezz ta' proċedura ssimplifikata. L-awtorità kompetenti tista' toħroġ attestazzjonijiet li jiċċertifikaw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim huma ssodisfatti u b'mod partikolari li l-kwota miftehma hija osservata (awtorizzazzjoni ta' kwota) […]"

19. L-Artikolu 9 tal-GütbefG jipprovdi li:

"(1) It-trasportatur għandu l-obbligu jiżgura li, waqt kull trasport internazzjonali ta' merkanzija, id-dokumenti li jattestaw li l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 7(1), debitament mimlija u, jekk ikun il-każ, approvati mill-awtorità kompetenti, ikunu jinsabu abbord il-vettura.

(2) Is-sewwieq għandu l-obbligu, waqt kull trasport internazzjonali ta' merkanzija u matul il-perijodu kollu tal-vjaġġ, ikollu abbord id-dokumenti li jattestaw l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 7(1), debitament mimlija u, jekk ikun il-każ, approvati mill-awtorità kompetenti, u jippreżentahom lill-awtoritajiet ta' kontroll meta dawn jitolbu dan.

[…]"

20. L-Artikolu 23 tal-GütbefG, intitolat "Dispożizzjonijiet kriminali", jipprovdi li:

"(1) […] [I]wettaq ksur amministrattiv, issanzjonat b'multa li tista' tasal sa EUR 7 267, dak li, bħala imprenditur,

[…]

(3) iwettaq it-trasport imsemmi fl-Artikoli 7 sa 9 mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa jew ma josservax l-obbligi jew il-projbizzjonijiet ta' ftehimiet internazzjonali;

[…]"

*2. Il-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq*

21. Skont l-Artikolu 4(1) tal-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq “[h]uwa meħtieġ dokument għall-vetturi bil-mutur, inkluż it-trejlers, irreġistrati f’wieħed miż-żewġ Stati u li jintużaw sabiex jittrasportaw merkanzija bejn dawn l-Istati jew b’passaġġ minn ġo fihom”. Il-paragrafu 2 ta’ dan l-artikolu jipprovdi li “[e]bda dokument ma huwa meħtieġ għall-vjaġġi mingħajr merkanzija u għall-vetturi bil-mutur b’tagħbija ta’ inqas minn 2 tunnellati”.

22. L-Artikolu 6 ta’ dan il-ftehim jipprovdi li:

“1. Id-dokumenti jinħarġu għat-trasportaturi. Dawn jawtorizzaw it-trasport permezz ta’ vetturi bil-mutur inkluż it-trejlers.

2. Id-dokument ta’ Stat jawtorizza t-twettiq ta’ trasport b’destinazzjoni lejn jew mill-Istat l-ieħor kif ukoll b’passaġġ minn ġo dan l-Istat.

3. Id-dokumenti għandhom ikunu abbord matul il-vjaġġ fit-territorju tal-Istat kopert mid-dokumenti u għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet ta’ kontroll kompetenti ta’ dan l-Istat fuq talba tagħhom”.

23. L-Artikolu 7 tal-imsemmi ftehim jipprovdi li:

“1. Id-dokumenti għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta’ reġistrazzjoni tal-vettura f’isem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat l-ieħor fil-limiti tal-kwota stabbilita kull sena bil-qbil mill-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati sat-30 ta’ Novembru tas-sena sussegwenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati għandhom jiskambjaw in-numru ta’ formoli neċessarji għat-trasport li jaqa’ taħt dan il-ftehim”.

## III. Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24. CX huwa d-diriġent tal-kumpannija FU li s-sede tagħha tinsab fit-Turkija u li teżerċita l-attività ta’ trasport ta’ merkanzija.

25. Permezz ta’ deċiżjoni tas-17 ta’ Marzu 2015, il-Bezirkshauptmannschaft Schärding (l-Awtorità Amministrattiva tad-Distrett ta’ Schärding, l-Awstrija) imponiet fuq CX multa ta’ EUR 1 453 (jew, fil-każ ta’ nuqqas ta’ ħlas, 67 siegħa ta’ detenzjoni) għal trasport kummerċjali ta’ merkanzija (oġġetti ta’ tessuti) imwettaq minn FU, fit-2 ta’ April 2015, li telaq mit-Turkija b’destinazzjoni lejn il-Ġermanja b’passaġġ minn ġol-Awstrija, mingħajr ma kellha l-permess meħtieġ għal dan il-għan.

26. CX ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Landesverwaltungsgericht Oberösterreich (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Awstrija ta’ Fuq, l-Awstrija). Permezz ta’ sentenza tat-28 ta’ Diċembru 2015, din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors minħabba li CX kien kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23(1)(3) u tal-Artikolu 7(1)(4) tal-GütbefG, kif ukoll tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikoli 6 u 7 tal-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq, peress li s-sewwieq tal-vettura ma setax jippreżenta l-permess meħtieġ sabiex iwettaq it-trasport internazzjonali ta’ merkanzija bejn l-Awstrija u t-Turkija.

27. CX appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva).

28. Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Novembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-liġi tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-[Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija], il-[Protokoll Addizzjonali] kif ukoll id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni [...], tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha l-impriżi ta' trasport ta' merkanzija stabbiliti fir-Repubblika tat-Turkija ma jistgħux iwettqu trasport internazzjonali kummerċjali ta' merkanzija permezz ta' vetturi bil-mutur b'destinazzjoni lejn jew b'passaġġ minn fuq it-territorju tar-Repubblika tal-Awstrija ħlief jekk dawn ikollhom dokumenti għall-vetturi bil-mutur li jinħarġu fil-limiti ta' kwota fissa skont ftehim bilaterali bejn [ir-Repubblika tal-Awstrija] u [r-Repubblika tat-Turkija] jew jekk tinħarġilhom liċenzja għal trasport ta' merkanzija wieħed bil-kundizzjoni li dan għandu jkollu interess pubbliku maġġuri u li jkun l-applikant li għandu l-oneru li jistabbilixxi b'mod suffiċjenti li t-trasport ma jistax jiġi evitat permezz ta' miżuri loġistiċi u lanqas bl-għażla ta' mezz ta' trasport ieħor?"

29. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn CX, mill-Gvern Awstrijak u minn dak Ungeriż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Kollha kemm huma kienu rrappreżentati fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018.

## IV. Analiżi

### *A. Kummenti introduttivi*

30. *Skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni, it-trasport kummerċjali internazzjonali ta' merkanzija bit-triq b'destinazzjoni lejn, b'passaġġ minn ġo jew li jitlaq mit-territorju Awstrijak jista' jsir biss permezz ta' awtorizzazzjoni. Għat-trasportaturi li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni, din l-awtorizzazzjoni tista' tieħu l-forma ta' liċenzja Komunitarja maħruġa skont ir-Regolament Nru 1072/2009*[7]. Għat-trasportaturi li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż terz, inkluż it-Turkija, din l-awtorizzazzjoni tista', min-naħa l-oħra, tieħu waħda miż-żewġ forom sussegwenti.

31. Fl-ewwel lok, skont l-Artikolu 7(1)(4) tal-GütbefG, it-trasportaturi li għandhom is-sede tagħhom f'pajjiż terz jistgħu jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni maħruġa skont ftehim internazzjonali. Għal dak li jirrigwarda t-trasportaturi Torok, il-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq jipprevedi l-iffissar ta' kwota annwali ta' trasport bil-qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati[8]. Dawn l-awtorizzazzjonijiet jingħataw lit-trasportaturi Torok mill-awtoritajiet kompetenti Torok fil-limiti tal-kwota ffissata. Il-Gvern Awstrijak jindika, f'dan ir-rigward, li attwalment ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Repubblika tat-Turkija huma miftehma fuq kwota annwali ta' 21 000 awtorizzazzjoni (kwota

7 Dan ir-regolament japplika biss għall-vetturi ta' trasport irreġistrati fi Stat Membru tal-Unjoni. Ara l-Artikoli 1(1) u l-Artikolu 2(1) u 2(2)(a) tal-imsemmi regolament, kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Istanbul Lojistik (C-65/16, EU:C:2017:282, punt 100). Ara, barra minn hekk, l-Artikolu 7(1)(1) tal-GütbefG.

8 Ara l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq u l-Artikolu 8(3) u (4) tal-GütbefG.

bażika)[9], li magħhom jiżdiedu numru varjabbli ta' awtorizzazzjonijiet bħala tpaċija[10] kif ukoll awtorizzazzjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri għat-Trasport (KEMT) ("awtorizzazzjoni KEMT")[11]. Bħala total, it-Turkija jkollha kull sena madwar 90 000 sa 100 000 trasport ta' tranżitu bit-triq b'passaġġ minn ġol-Awstrija.

32. Fit-tieni lok, it-trasportaturi Torok għandhom il-possibbiltà jitolbu permess skont l-Artikolu 7(1)(3) u l-Artikolu 8(1) tal-GütbefG ("permess individwali"). Dan il-permess jinħareġ biss għal trasport wieħed li jkun ta' interess pubbliku maġġuri u bil-kundizzjoni li l-applikant juri b'mod suffiċjenti li t-trasport ma jistax jiġi evitat permezz ta' miżuri loġistiċi u lanqas bl-għażla ta' mezz ieħor ta' trasport[12].

33. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk is-sistema Awstrijaka ta' awtorizzazzjoni stabbilita fir-rigward tat-trasportaturi Torok hijiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija.

34. CX isostni li dan ma huwiex il-każ. Fl-ewwel lok, l-imsemmija sistema tirrestrinġi l-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija, bi ksur tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, billi tippermetti t-tranżitu biss għal numru limitat ta' trasportaturi Torok. Il-kwota ffissata għat-trasportaturi Torok hija insuffiċjenti. Konsegwentement, dawn it-trasportaturi jkunu obbligati jużaw ir-"Rollende Landstraße" (irmunkar fuq ferrovija)[13], fatt li jinvolvi spejjeż addizzjonali u jtawwal iż-żmien ta' trasport meta mqabbel mat-trasport bit-triq[14]. Dan jimplika li l-merkanzija li tkun ġejja mit-Turkija issir għola u li finalment din tkun inqas kompetittiva. Ir-restrizzjonijiet marbutin mas-sistema ta' kwota ta' trasport għandhom għaldaqstant effetti ekonomiċi kbar għall-produtturi u x-xerrejja ta' din il-merkanzija u jimminaw l-effikaċità tal-Unjoni Doganali. Fit-tieni lok, is-sistema Awstrijaka ta' kwota ta' trasport twassal għal diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi Torok, bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, peress li r-restrizzjonijiet marbutin mas-sistema ta' kwota ma japplikawx għat-trasportaturi tal-Unjoni.

35. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, l-ewwel nett, fuq il-punt dwar jekk CX jistax jibbaża ruħu fuq il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija, meta FU hija impriża tat-trasport ta' merkanzija li ma tipproduċix hija stess il-merkanzija li hija tittrasporta, u jekk CX jistax isostni, b'mod partikolari, li l-kundizzjonijiet li japplikaw għal FU sabiex tibbenefika mill-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-GütbefG jikkostitwixxu miżura li għandha effett ekwivalent għal restrizzjonijiet kwantitattivi fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Il-qorti tar-rinviju tqis, f'dan l-istadju, li l-każ ineżami ma għandux ikun eżaminat mill-anglu tal-moviment liberu tal-merkanzija, peress li jirriżulta, fil-fehma tagħha, li, fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, il-moviment liberu

9 Il-Gvern Awstrijak jindika li l-aħħar negozjati dwar il-kwota seħħew fl-2014 u li, minn dakinhar, l-awtoritajiet Torok ma talbux lill-awtoritajiet Awstrijaċi jiksbu aġġustament tal-kwota. Il-Gvern Awstrijak jispjega, barra minn hekk, li kull awtorizzazzjoni tinkludi żewġ vjaġġi ta' trasport u li l-kwota tal-awtorizzazzjonijiet hija stabbilita minn kummissjoni mħallta abbażi ta' statistiċi ekonomiċi.

10 Il-Gvern Awstrijak jispjega li, għal tliet vjaġġi mwettqa bl-irmunkar fuq il-ferrovija, it-trasportaturi Torok jirċievu żewġ awtorizzazzjonijiet bi tpaċija.

11 Fir-rigward tas-sistema KEMT, ara r-Rapport Nru 85830-TR tal-Bank Dinji, tat-28 ta' Marzu 2014, *Evaluation of the EU-Turkey Customs Union*, punt 107, u r-rapport finali tal-ICF Consulting Ltd, tal-14 ta' Ottubru 2014, *Study on the economic impact on an agreement between the EU and the Republic of Turkey*, redatt fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, p. 13 sa 14. Dan tal-aħħar isemmi 4 258 liċenzja mogħtija lit-trasportaturi Torok għas-sena 2014 (applikabbli għat-trasport bejn u b'passaġġ minn ġo pajjiżi membri tal-KEMT). Skont l-Artikolu 7(1)(2) tal-GütbefG, awtorizzazzjoni KEMT tissodisfa r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

12 Il-Gvern Awstrijak jindika li, fl-2015 u fl-2016, ma kienx hemm talbiet għal permessi individwali, skont l-Artikolu 7(1)(3) u l-Artikolu 8(1) tal-GütbefG.

13 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dan huwa trasport ikkombinat fejn is-semi-trejler jinġarr bil-ferrovija.

14 Skont CX, iż-żmien ta' stennija fl-istazzjon tal-irmunkar fuq ferrovija ta' Maribor spiss jilħaq 97 sa 107 sigħat fuq medda ta' 260 kilometru. Ara, f'dan ir-rigward, ir-Rapport Nru 85830-TR tal-Bank Dinji, imsemmi iktar 'il fuq, p. 54, li jsemmi spejjeż addizzjonali ta' EUR 250 għal kull trakk fi tranżitu u rdoppjar tal-ħin tat-trasport.

tal-merkanzija, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u s-settur tat-trasport huma meqjusa bħala materji distinti waħda mill-oħra, intiżi li jiġu implementati mill-Assoċjazzjoni bi gradi u ritmi differenti. Hemm raġunijiet serji sabiex jitqies li l-qasam tat-trasport għandu jiġi deliberatament eskluż u ma għandux jiġi implementat permezz tal-moviment liberu tal-merkanzija [15].

36. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tqis li CX jista' jinvoka l-moviment liberu tal-merkanzija sabiex isostni li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni twassal għal restrizzjoni għal din il-libertà jew, tal-inqas, għal diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini Tork fis-sens tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, tqum imbagħad, skont il-qorti tar-rinviju, il-kwistjoni dwar jekk din ir-restrizzjoni hijiex iġġustifikata taħt l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

37. Fl-analiżi li ssegwi, ser nittratta, fl-ewwel lok, il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija. F'dan ir-rigward, ser nispjega r-raġunijiet li għalihom inqis, l-istess bħall-Gvern Awstrijak u dak Ungeriż kif ukoll bħall-Kummissjoni, li tali leġiżlazzjoni taqa' taħt il-qasam tas-servizzi tat-trasport u li d-dispożizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija, ma japplikawx għal tali leġiżlazzjoni (Sezzjoni B.1). Fit-tieni lok, ser niċħad l-argumenti kuntrarji invokati minn CX li jirrigwardaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-moviment liberu tal-merkanzija (Sezzjoni B.2). Fit-tielet lok, ser neżamina l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fid-dawl tal-klawżola ta' "standstill", prevista fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali, li tipprojbixxi l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Sezzjoni B.3). Fl-aħħar nett, ser nittratta fil-qosor il-kwistjoni ta' eventwali diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi Torok fis-sens tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija (Sezzjoni B.4).

## *B. Fuq id-domanda preliminari*

### *1. Fuq il-klassifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet applikabbli għal tali leġiżlazzjoni*

38. Id-domanda preliminari magħmula mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) tqajjem, l-ewwel nett, kwistjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija [16]. Tali leġiżlazzjoni taqa' taħt id-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija jew pjuttost taħt dawk dwar il-provvista ta' servizzi ta' trasport?

39. L-istess bħall-Gvern Awstrijak u dak Ungeriż kif ukoll bħall-Kummissjoni, jiena intendi lejn it-tieni ipoteżi.

40. F'dan ir-rigward, nibbaża ruħi fuq il-kunsiderazzjonijiet segwenti.

15 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirreferi għal deċiżjoni mogħtija mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), fit-30 ta' Ġunju 2011 (BVerwG, Urt. v. 30.6.2011 – 3 C 18/10, NVwZ 2012, 247).

16 Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, il-Protokoll Addizzjonali kif ukoll id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jagħmlu parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 1990, Sevince (C-192/89, EU:C:1990:322, punti 8 u 9 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41. Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija, il-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u t-trasport jikkostitwixxu materji distinti li huma suġġetti għal regoli differenti [17]. Dawn ir-regoli jirriflettu gradi differenti ta' liberalizzazzjoni tas-swieq ikkonċernati. Filwaqt li l-moviment liberu tal-*merkanzija* bejn l-Unjoni u t-Turkija huwa ggarantit b'mod partikolari mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-Unjoni Doganali [18], l-oqsma tas-*servizzi* u tat-*trasport* jibqgħu, fl-istat attwali tal-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija, essenzjalment mhux illiberalizzati [19].

42. Għal dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-qasam tat-trasport, l-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija jipprovdi li "[l]-kundizzjonijiet u modalitajiet ta' estensjoni għat-Turkija tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità u tal-atti adottati abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal dak li jirrigwarda t-trasport għandhom jiġu stabbiliti filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ġeografika tat-Turkija" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Barra minn hekk, l-Artikolu 42 tal-Protokoll Addizzjonali jipprovdi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jestendi, b'konformità mar-regoli li huwa għandu jiddetermina, b'teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni ġeografika tat-Turkija, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità applikabbli għat-trasport u li huwa jista', taħt l-istess kundizzjonijiet, jestendi lejn it-Turkija il-miżuri adottati mill-Komunità b'applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari, fir-rigward tat-trasport bit-triq.

43. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, sal-lum, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ma ddeterminax regoli għal dan il-għan. Għaldaqstant, fl-istat attwali tal-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija, ma teżisti ebda leġiżlazzjoni speċifika fil-qasam tat-trasport [20].

44. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt libertà ta' moviment waħda jew oħra, skont ġurisprudenza stabbilita sew, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni *l-għan* tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni [21]. Inqis li dan japplika wkoll, b'analoġija, għall-klassifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija.

45. Għal dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni fil-kawża prinċipali, inqis li din hija intiża, essenzjalment, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu ssodisfatti bil-għan tat-twettiq ta' trasport kummerċjali internazzjonali ta' merkanzija bit-triq b'destinazzjoni lejn, b'passaġġ minn ġo jew li jitlaq mit-territorju Awstrijak [22]. F'dan ir-rigward, din il-leġiżlazzjoni tipprovdi b'mod partikolari li tali trasport jista' jsir biss abbażi ta' awtorizzazzjoni li, għat-trasportaturi Torok, tista' tieħu l-forma jew ta' awtorizzazzjoni maħruġa fil-limiti tal-kwota stabbilita skont il-Ftehim

17 Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 10, 14 u 15 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, Artikoli 2 sa 30, 41 u 42 tal-Protokoll Addizzjonali, kif ukoll l-Artikoli 2 sa 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

18 Skont l-Artikolu 2(1) tiegħu, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija għandu bħala għan li jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, min-naħa, u t-Turkija, min-naħa l-oħra. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(2) jipprevedi l-istabbiliment progressiv ta' Unjoni Doganali f'fażijiet suċċessivi. Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tistabbilixxi, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tagħha, il-modalitajiet għall-implementazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija li tirriżulta mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija.

19 Fir-rigward tal-klawżola ta' "standstill", stabbilita fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali, ara madankollu l-punti 75 sa 80 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et* (C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punt 98). Fir-rigward tal-qasam tas-*servizzi*, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni adotta, abbażi tal-Artikolu 41(2) tal-Protokoll Addizzjonali, id-Deċiżjoni Nru 2/2000, tal-11 ta' April 2000, dwar il-ftuħ ta' negozjati intiżi għal-liberalizzazzjoni tas-servizzi u għall-ftuħ reċiproku tal-kuntratti pubbliċi bejn il-Komunità u t-Turkija (*ĠU 2000, L 138, p. 27*). Madankollu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni sal-lum ma wettaqx liberalizzazzjoni sostanzjali f'dan il-qasam. Ara s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2013, Demirkan (C-221/11, EU:C:2013:583, punti 13 u 46).

21 Ara s-sentenza tas-7 ta' Settembru 2017, Eqiom u Enka (C-6/16, EU:C:2017:641, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, meta miżura nazzjonali tirrigwarda kemm il-moviment liberu tal-merkanzija u kif ukoll il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja teżaminaha, bħala regola, fid-dawl ta' waħda biss minn dawn iż-żewġ libertajiet fundamentali, jekk jirriżulta li waħda minn dawn tkun kompletament sekondarja meta mqabbla mal-oħra u tkun tista' tiġi assoċjata magħha Ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et* (C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Din l-analiżi ma tistax tkun affettwata mill-fatt li, skont il-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq, il-vjaġġi mingħajr tagħbija huma eżentati mis-sistema ta' kwota. Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq, jew ta' permess individwali maħruġ għat-trasport li jkun ta' interess pubbliku maġġuri[23]. Fi kliem ieħor, il-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni timponi restrizzjonijiet għall-aċċess tat-trasportaturi Torok għas-suq tat-trasport internazzjonali bit-triq tal-merkanzija.

46. Ma hemmx dubju, fil-fehma tiegħi, li tali leġiżlazzjoni taqa' taħt il-qasam tas-servizzi tat-trasport.

47. Min-naħa, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-libertà ta' trasportatur tal-merkanzija bit-triq taqa', fl-istruttura ġenerali tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, taħt il-qasam tal-provvista ta' servizzi fil-kamp tat-trasport[24]. Ma nara ebda raġuni sabiex għandu japplika mod ieħor fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija.

48. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li qabel, it-trasport internazzjonali bit-triq ta' merkanzija *bejn l-Istati Membri* kien suġġett għal sistemi ta' awtorizzazzjoni simili għal dik attwalment stabbilita mil-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni fir-rigward tat-trasportaturi Torok. Dawn is-sistemi kienu bbażati, parzjalment, fuq kwoti bilaterali bejn l-Istati Membri u, parzjalment, fuq kwoti Komunitarji[25].

49. Fis-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill[26], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Kunsill kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 75 KEE (li sar l-Artikolu 91 TFUE), meta astjena, b'mod partikolari, milli jiżgura l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport internazzjonali. Wara din is-sentenza, il-kwoti bilaterali u Komunitarji ġew progressivament eliminati sakemm ġew ssostitwiti, b'effett mill-1 ta' Jannar 1993, bis-sistema tal-liċenzja Komunitarja mingħajr kwota, li hija attwalment fis-seħħ[27]. L-atti li jirrigwardaw il-kwota Komunitarja u l-liċenzja Komunitarja ġew adottati skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirrigwardaw il-politika komuni tat-trasport[28].

50. Din l-evoluzzjoni leġiżlattiva u ġudizzjarja dwar it-trasport internazzjonali bejn l-Istati Membri tikkonferma, fil-fehma tiegħi, il-konklużjoni li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni, li tipprovdi għal sistema ta' awtorizzazzjoni fil-qasam ta' trasport internazzjonali bit-triq, għandha tkun ikklassifikata bħala miżura li taqa' taħt il-kamp tas-servizzi ta' trasport.

51. F'dan il-kuntest, inqis li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Lambregts Transportbedrijf[29] jistħoqqilha attenzjoni partikolari. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Artikolu 75(1)(a) u (b) tat-Trattat KEE [li sar l-Artikolu 91(1)(a) u (b) tat-Trattat FUE], dwar l-implimentazzjoni, mill-Kunsill, tal-politika komuni tat-trasport, ma jagħtix liċ-ċittadini tal-Istati Membri drittijiet li huma jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati nazzjonali kontra deċiżjonijiet meħudin

23 Ara l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(1), (3) u (4) tal-GütbefG, kif ukoll l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7 tal-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq. Ara wkoll il-punti 30 sa 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 Sentenza tal-11 ta' Ġunju 1987, Bodin u Minguet & Thomas (241/86, EU:C:1987:280, punt 6). Fil-punt 13 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-ammont massimu ta' vetturi li huwa konformi mal-kwoti stabbiliti minn direttiva Komunitarja ma tistax titqies bħala miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fis-sens tal-Artikolu 30 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 34 TFUE).

25 Ara r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1018/68, tad-19 ta' Lulju 1968, dwar l-iffissar ta' kwota Komunitarja għat-trasport ta' merkanzija bit-triq imwettaq bejn l-Istati Membri (ĠU 1968, L 175, p. 13). Dan ir-regolament ġie segwit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2829/72, tat-28 ta' Diċembru 1972, dwar il-kwota Komunitarja għat-trasport ta' merkanzija bit-triq imwettaq bejn l-Istati Membri (ĠU 1972, L 298, p. 16), li ġie estiż u emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3256/74, tad-19 ta' Diċembru 1974 (ĠU 1974, L 349, p. 5), li min-naħa tiegħu kien estiż permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3331/75, tat-18 ta' Diċembru 1975 (ĠU 1975, L 329, p. 9), u ssostitwit, finalment, bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3164/76, tas-16 ta' Diċembru 1976, dwar il-kwota Komunitarja għat-trasport ta' merkanzija bit-triq imwettaq bejn l-Istati Membri (ĠU 1976, L 357, p. 1).

26 Sentenza tat-22 ta' Mejju 1985 (13/83, EU:C:1985:220).

27 Ara r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1841/88, tal-21 ta' Ġunju 1988, li jemenda r-Regolament Nru 3164/76 (ĠU 1988, L 163, p. 1), li kien jipprevedi żieda tal-kwota Komunitarja għal perijodu tranżitorju u t-tneħħija, b'effett mill-1 ta' Jannar 1993, tal-kwoti Komunitarji, tal-kwoti bilaterali bejn l-Istati Membri kif ukoll tal-kwoti applikabbli għat-trasport fi tranżitu lejn u minn pajjiżi terzi, għat-trasportaturi Komunitarji. Ara, ukoll, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92, tas-26 ta' Marzu 1992, dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport ta' merkanzija bit-triq fil-Komunità lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 370). Dan ir-regolament tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 1072/2009.

28 B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 75 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 71 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 91 tat-Trattat FUE).

29 Sentenza tat-13 ta' Lulju 1989 (4/88, EU:C:1989:320).

mill-amministrazzjonijiet nazzjonali fl-1982. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din id-dispożizzjoni ma għandhiex effett dirett li jippermettilha li tiġi invokata minn trasportatur stabbilit fi Stat Membru sabiex jikkontesta deċiżjoni amministrattiva nazzjonali dwar l-awtorizzazzjonijiet ta' transport nazzjonali u internazzjonali.

52. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-punt 14 tas-sentenza, li, "fl-1982, il-moviment liberu tas-servizzi fil-qasam tat-trasport internazzjonali kien [...] żgurat biss internament kif ukoll meta jitlaq minn jew ikun iddestinat lejn l-Istat Membru fejn l-impriża tkun stabbilita *u bla ħsara għall-ksib ta' awtorizzazzjoni ta' trasport, skont il-kwoti bilaterali jew Komunitarji fis-seħħ f'dak l-Istat Membru*"[30]. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset għaldaqstant li fin-nuqqas ta' implimentazzjoni mill-Kunsill tal-prinċipju ta' moviment liberu tas-servizzi fil-qasam tat-trasport internazzjonali u nazzjonali, skont l-obbligi li huwa għandu taħt l-Artikolu 75(1)(a) u (b) tat-Trattat KEE, tali servizzi setgħu jitwettqu biss fil-limiti tal-kwoti bilaterali u Komunitarji. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għamlet ebda eżami tal-effetti eventwali ta' dawn il-kwoti fuq il-moviment liberu tal-merkanzija.

53. Inqis li l-istess raġunament japplika *a fortiori* għat-trasport internazzjonali imwettaq minn trasportaturi Torok fil-kuntest tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li, filwaqt li l-Artikolu 75(1)(a) u (b) tat-Trattat KEE kien jipprevedi l-*obbligu* għall-Kunsill li jistabbilixxi politika komuni tat-trasport[31], jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-estenzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat fil-qasam tat-trasport għar-Repubblika tat-Turkija hija biss *fakultattiva*[32]. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni "igawdi minn marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevolment iktar estiża fil-qasam tat-trasport"[33]. *Fuq din il-bażi, inqis li, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma applikatx l-Artikolu 30 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 34 tat-Trattat FUE) fil-kawża* Lambregts Transportbedrijf[34], *iktar u iktar ma għandux jiġi applikat l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni f'din il-kawża.*

54. Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi, li sakemm il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ma adottax regoli li jirrigwardaw it-trasport, skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija u l-Artikolu 42 tal-Protokoll Addizzjonali[35], l-aċċess tat-trasportaturi Torok għas-suq tat-trasport internazzjonali jibqa' suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri u mill-ftehimiet bilaterali konklużi bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tat-Turkija[36]. F'dan il-kuntest, in-numru ta' awtorizzazzjonijiet ta' trasport mogħtija lit-trasportaturi Torok jiddependi, b'mod partikolari, fuq in-negozjati li jsiru, fil-kuntest ta' tali ftehimiet, bejn l-Istati kkonċernati. Irrid nenfasizza li l-maġġoranza tal-Istati Membri implementaw, abbażi tal-ftehimiet bilaterali li huma kkonkludew mar-Repubblika tat-Turkija, sistemi ta' awtorizzazzjoni ta' trasport li jixbhu lil dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali[37].

30 Enfasi tiegħi.

31 Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 1985, Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, EU:C:1985:220, punt 50).

32 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel riferiment għall-użu tal-verb "jista'" fl-Artikolu 42 tal-Protokoll Addizzjonali. Ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et* (C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punt 97).

33 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et* (C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punt 96).

34 Sentenza tat-13 ta' Lulju 1989 (4/88, EU:C:1989:320).

35 Ara l-punti 42 u 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 Ara, madankollu, fir-rigward tal-klawżola ta' "standstill", stabbilita fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali, il-punti 75 sa 80 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Għal lista tal-ftehimiet bilaterali konklużi bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tat-Turkija u l-kwoti stabbiliti skont l-imsemmija ftehimiet, ara l-Anness 14 tar-Rapport Nru 85830-TR tal-Bank Dinji, imsemmi iktar 'il fuq, u l-Anness C tar-rapport finali ta' ICF Consulting Ltd, imsemmi iktar 'il fuq. Fir-rigward tad-differenzi bejn is-sistemi tal-Istati Membri, ara p. 8 sa 13 tal-aħħar wieħed minn dawn ir-rapporti. Inżid ngħid li r-Regolament Nru 1072/2009 isemmi espressament l-eżistenza ta' ftehimiet bilaterali li jirrigwardaw it-trasport bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Ara l-premessa 3 u l-Artikolu 1(3)(a) tal-imsemmi regolament.

55. Id-deċiżjoni li jiġi lliberalizzat il-qasam tas-servizzi ta' trasport, fil-kuntest tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija, tappartjeni biss lill-partijiet kontraenti, jekk dawn iqisuha opportuna, wara analiżi approfondita tal-implikazzjonijiet konkreti li din l-operazzjoni jkun jista' jkollha, fid-dawl b'mod partikolari tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq tat-trasport internazzjonali. F'dan il-kuntest, il-liberalizzazzjoni progressiva tat-trasport internazzjonali bejn l-Istati Membri tixhed il-ħtieġa li tali liberalizzazzjoni tkun akkumpanjata bl-introduzzjoni ta' regoli komuni b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport [38].

56. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li l-applikazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija fir-rigward ta' leġiżlazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, toħloq riskju li twassal għal liberalizzazzjoni, li sal-lum ma hijiex mixtieqa mill-Partijiet Kontraenti, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, fil-qasam tat-trasport internazzjonali [39].

57. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nikkonkludi li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, taqa' taħt il-qasam tas-servizzi ta' trasport u li d-dispożizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija ma japplikawx għal tali leġiżlazzjoni.

58. Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argumenti invokati minn CX, li jirrigwardaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, Ser nittratta dawn l-argumenti iktar 'il quddiem.

*2. Fuq l-argumenti kuntrarji invokati*

59. Insostenn tal-argument tiegħu li d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija japplikaw għal-leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni, CX jinvoka ċerta numru ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar din il-libertà.

60. Fl-ewwel lok, CX jibbaża ruħu fuq is-sentenza mogħtija fil-kawża Istanbul Lojistik [40]. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li t-taxxa fuq il-karozzi, li għandha titħallas mid-detenturi tal-vetturi tqal irreġistrati fit-Turkija li jgħaddu mit-territorju Ungeriż, tikkostitwixxi taxxa li għandha effett ekwivalenti għal dazju doganali fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni [41].

61. Skont CX, jekk it-taxxa Ungeriża ta' tranżitu tostakola l-moviment liberu tal-merkanzija, l-istess għandu japplika għal-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni, peress li s-sistema ta' kwota ta' trasport prevista minn dik il-leġiżlazzjoni tirrappreżenta perikolu għall-moviment liberu tal-merkanzija li huwa ħafna ikbar minn taxxa ta' tranżitu.

38 F'dan ir-rigward, għandi nirrileva, bħala eżempju, li l-ftehim konkluż bejn l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Svizzera fil-qasam tat-trasport huwa intiż, min-naħa, sabiex jilliberalizza l-aċċess tal-partijiet kontraenti għas-suq tagħhom ta' trasport bit-triq u ferrovjarji tal-merkanzija u tal-vjaġġaturi u, min-naħa l-oħra, sabiex jiġu ddeterminati l-modalitajiet ta' politika kkoordinata tat-trasport. Ara l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim Bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u ta' Vjaġġaturi bil-Ferrovija u bit-Triq (ĠU 2002, L 114, p. 91). Ara, barra minn hekk, Togan, S., u Bayar, G., "Liberalizing Transport Sectors and the Effects of Infrastructure Development", *The Liberalization of Transportation Services in the EU and Turkey*, Oxford University Press, 2016, p. 239.

39 Il-kwistjoni ta' liberalizzazzjoni eventwali tal-imsemmi qasam hija s-suġġett ta' diversi studji. Ara, b'mod partikolari, ir-Rapport Nru 85830-TR tal-Bank Dinji, imsemmi iktar 'il fuq, punti 99 sa 113 u r-rapport finali ta' ICF Consulting Ltd, imsemmi iktar 'il fuq, p. 36 *et seq*. Dan tal-aħħar isemmi żieda fil-valur tal-kummerċ KEE-Turkija ta' bejn wieħed u ieħor EUR 3.5 biljun fil-każ ta' liberalizzazzjoni sħiħa tat-trasport internazzjonali bejn l-Unjoni u t-Turkija.

40 Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017 (C-65/16, EU:C:2017:770).

41 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, filwaqt li rreferiet b'mod partikolari għall-Artikolu 66 tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan l-Unjoni hija trasponibbli għad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan l-Unjoni Doganali li jirriżultaw mill-Ftehim KEE-Turkija. Skont dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, sa fejn huma essenzjalment identiċi għar-regoli korrispondenti tat-Trattat KE, li sar it-Trattat FUE, għandhom jiġu interpretati b'konformità mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward. Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Istanbul Lojistik (C-65/16, EU:C:2017:770, punti 38 u 44).

62. Dan l-argument ma huwiex konvinċenti.

63. Fil-fehma tiegħi, il-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni ma tixbahx lil dik inkwistjoni fil-kawża Istanbul Lojistik. Min-naħa, iż-żewġ leġiżlazzjonijiet huma distinti minn xulxin minħabba n-*natura* tagħhom. Il-kawża Istanbul Lojistik kienet għaldaqstant tirrigwarda miżura fiskali (taxxa), filwaqt li l-kawża preżenti tirrigwarda miżura ta' kwota.

64. Min-naħa l-oħra, dawn huma differenti wkoll minħabba l-*għan* tagħhom. Fil-fatt, fil-kawża Istanbul Lojistik, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li "anki jekk it-taxxa fuq il-karozzi ma tinġabarx fuq prodotti bħala tali, *hija tolqot il-merkanzija ttrasportata* minn vetturi rreġistrati f'pajjiż terz, b'mod partikolari t-Turkija, waqt il-qsim tal-fruntiera Ungeriża, u *mhux [...] is-servizz ta' trasport*"[42]. Min-naħa l-oħra, il-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni f'din il-kawża hija intiża preċiżament, kif esponejt diġà, sabiex tiddetermina l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu ssodisfatti bil-għan tat-twettiq ta' servizzi ta' trasport[43]. Nippreċiża li, fil-kawża Istanbul Lojistik, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat ruħha teżamina t-taxxa bħala tali u ma pproċediet għal ebda eżami tas-sistema ta' kwota li magħha din it-taxxa kienet marbuta[44].

65. Fit-tieni lok, CX jinvoka sensiela ta' sentenzi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ir-rabta bejn l-attività ta' trasport tal-merkanzija u l-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan l-Unjoni. Fis-sentenzi kkonċernati, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fis-sens tal-Artikolu 34 TFUE, b'mod partikolari, projbizzjoni imposta fuq it-trakkijiet ta' iktar minn 7.5 tunnellati li jittrasportaw ċerta merkanzija milli jiċċirkulaw fuq parti ta' awtostrada li tikkostitwixxi waħda mill-mezzi prinċipali ta' komunikazzjoni terrestri fir-reġjun ikkonċernat[45], u leġiżlazzjoni li timponi żmien u distanzi massimi qosra ta' trasport ta' annimali ħajjin intiżi li jinqatlu[46].

66. Skont CX, jirriżulta minn din il-ġurisprudenza li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għalkemm hija marbuta teknikament mat-trasport ta' merkanzija, tirrestrinġi neċessarjament il-moviment tal-merkanzija, billi tippermetti t-tranżitu liberu lil numru limitat ta' trasportaturi biss u billi tidderiġi għaldaqstant iċ-ċaqliq kummerċjali lejn rotot alternattivi jew modi ta' trasport oħrajn li jinvolvu iktar żmien u spejjeż[47].

67. Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

68. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li l-ġurisprudenza invokata minn CX kienet tirrigwarda leġiżlazzjonijiet nazzjonali li huma ta' natura differenti ħafna minn dik tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni f'din il-kawża.

42 Enfasi tiegħi. Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Istanbul Lojistik (C-65/16, EU:C:2017:770, punt 46). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-fatt li t-taxxa Ungeriża kkonċernata kellha titħallas fil-mument tad-dħul tal-vetturi tqal fit-territorju Ungeriż u li l-ammont ta' dik it-taxxa kien jiddependi fuq kriterji li kienu marbutin, b'mod partikolari, mal-kwantità tal-merkanzija li setgħat tiġi ttrasportata u mad-destinazzjoni tagħha. Ara l-punt 45 tas-sentenza msemmija. Ara, wkoll, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Istanbul Lojistik (C-65/16, EU:C:2017:282, punt 59).

43 Ara l-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

44 Dan japplika wkoll għall-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Istanbul Lojistik (C-65/16, EU:C:2017:282). Ara, b'mod partikolari, il-punti 49, 52 u 69 tal-imsemmija konklużjonijiet.

45 Sentenzi tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-320/03, EU:C:2005:684), u tal-21 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-28/09, EU:C:2011:854).

46 Sentenza tal-11 ta' Mejju 1999, Monsees (C-350/97, EU:C:1999:242). CX jinvoka, ukoll, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, EU:C:1997:595) li tirrigwarda atti ta' vjolenza mwettqa fit-territorju Franċiż kontra prodotti agrikoli li oriġinaw minn Stati Membri oħra; is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2003, Schmidberger (C-112/00, EU:C:2003:333), dwar għeluq totali tal-awtostrada ta' Brenner għal kważi 30 siegħa, u s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2003, Rioglass u Transremar (C-115/02, EU:C:2003:587), li tirrigwarda miżura ta' detenzjoni għall-kontroll tad-dwana li dewmet il-moviment tal-merkanzija u setgħat twassal għall-imblokkar sħiħ tagħha.

47 Ara wkoll il-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69. Min-naħa, il-leġiżlazzjonijiet inkwistjoni ma jirrigwardawx il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu ssodisfatti bil-għan tat-twettiq ta' servizzi ta' trasport (*kundizzjonijiet għall-aċċess għas-suq tat-trasport*), bħal f'dan il-każ, imma pjuttost il-kundizzjonijiet li fihom tista' tkun ittrasportata ċerta merkanzija (*kundizzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija*) [48]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kundizzjonijiet imposti li jirrigwardaw il-mod ta' trasport, id-dewmien u d-distanza ta' trasport kienu ta' natura li jirrestrinġu l-moviment liberu tal-merkanzija kkonċernata [49].

70. Min-naħa l-oħra, b'kuntrast mal-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni, il-leġiżlazzjonijiet ikkonċernati mill-ġurisprudenza invokata minn CX ma kinux intiżi għal ċerti trasportaturi, imma kienu japplikaw b'mod ġenerali għal kull trasport ta' merkanzija li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Huwa f'din il-perspettiva li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kundizzjonijiet ta' trasport imposti setgħu jostakolaw il-moviment liberu tal-merkanzija kkonċernata u, b'mod partikolari, it-tranżitu liberu tagħha [50].

71. Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma timponi ebda restrizzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija li tiġi mit-Turkija. Skont din il-leġiżlazzjoni, din il-merkanzija tista', fil-fatt, tiċċirkula liberament bit-triq b'destinazzjoni lejn, b'passaġġ minn ġo jew bi tluq mit-territorju Awstrijak. Hija biss il-possibbiltà għat-*trasportaturi Torok* li jittrasportaw din il-merkanzija li hija limitata. Fi kliem ieħor, il-merkanzija Torka tista' tiċċirkula liberament fl-Awstrija, imma mhux neċessarjament fi trakkijiet Torok. Inżid ngħid li din il-leġiżlazzjoni ma hijiex intiża għall-merkanzija li tkun ġejja mit-Turkija imma tapplika wkoll għat-trasport minn trasportaturi Torok ta' merkanzija li tkun ġejja mill-Istati Membri, inkluż mill-Awstrija.

72. Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi li anki jekk wieħed jippreżumi li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni taqa' taħt id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-moviment liberu tal-merkanzija, din il-leġiżlazzjoni ma hijiex inkompatibbli mal-prinċipju ġenerali ta' libertà ta' tranżitu tal-merkanzija ġewwa l-Unjoni, irrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala konsegwenza ta' din il-libertà [51].

73. Bħala konklużjoni, inqis li l-argumenti invokati minn CX ma jistgħux jikkontestaw il-klassifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka kkonċernata bħala miżura li taqa' taħt il-qasam tas-servizzi ta' trasport. Minn dan jirriżulta li d-dispożizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar il-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Unjoni u t-Turkija ma japplikawx għal tali leġiżlazzjoni.

48 Ara, fir-rigward tal-għan tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni, il-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet.

49 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-28/09, EU:C:2011:854, punt 114), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-projbizzjoni imposta fuq it-trakkijiet ta' iktar minn 7.5 tunnellati li jittrasportaw ċerta merkanzija milli jiċċirkulaw fuq parti tal-awtostrada A12 kienet "[t]ipprekludi l-użu, f'dan il-kuridur ta' tranżitu transalpin, ta' metodu ta' trasport għal dawn il-prodotti".

50 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-320/03, EU:C:2005:684, punt 66), li minnha jirriżulta li "meta pprojbixxiet lit-trakkijiet ta' aktar minn 7.5 tunnellata li jittrasportaw ċerta kategorija ta' merkanzija milli jiċċirkulaw fuq sezzjoni fit-triq ta' importanza ewlenija, li tikkostitwixxi waħda mill-mezzi prinċipali ta' komunikazzjoni fuq l-art bejn in-Nofsinhar tal-Ġermanja u t-Tramuntana ta' l-Italja, ir-regola in kwistjoni kienet tostakola l-moviment liberu tal-merkanzija u, b'mod partikolari, it-tranżitu liberu tagħhom". Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-28/09, EU:C:2011:854, point 116). Ara, barra minn hekk, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 1999, Monsees (C-350/97, EU:C:1999:242, punt 23). Is-sentenzi tad-9 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, EU:C:1997:595); tat-12 ta' Ġunju 2003, Schmidberger (C-112/00, EU:C:2003:333), kif ukoll tat-23 ta' Ottubru 2003, Rioglass u Transremar (C-115/02, EU:C:2003:587), li kienu jirrigwardaw sitwazzjonijiet li jinvolvu l-immobilizzazzjoni sħiħa tal-merkanzija kkonċernata.

51 Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-28/09, EU:C:2011:854, punt 113 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-prinċipju ġenerali ta' libertà ta' tranżitu japplika wkoll fil-kuntest tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Istanbul Lojistik (C-65/16, EU:C:2017:770, punti 42 u 44).

74. Tali leġiżlazzjoni għandha madankollu tissodisfa l-klawżola ta' "standstill", prevista fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali[52]. Ser neżamina din il-kwistjoni fis-sezzjoni sussegwenti.

*3. Fuq il-klawżola ta' "standstill" prevista fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali*

75. L-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali jipprevedi klawżola ta' "standstill", li abbażi tagħha l-Partijiet Kontraenti għandhom jastjenu milli jintroduċu bejniethom restrizzjonijiet ġodda, b'mod partikolari għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li din il-klawżola tista' tapplika għas-servizzi ta' trasport u li hija tista' tiġi invokata minn impriża stabbilita fit-Turkija li twettaq legalment provvisti ta' servizzi fi Stat Membru[53].

76. Il-klawżola ta' "standstill" tipprojbixxi b'mod ġenerali l-introduzzjoni ta' kwalunkwe miżura ġdida li jkollha l-għan jew l-effett li tissuġġetta l-eżerċizzju min-naħa ta' ċittadin Tork b'mod partikolari tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fit-territorju ta' Stat Membru għal kundizzjonijiet iktar restrittivi minn dawk li kienu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali fir-rigward ta' dan l-Istat Membru[54]. Sabiex jiġi stabbilit jekk l-imsemmija klawżola tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni, għandu għaldaqstant jiġi eżaminat jekk din tinvolvix restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, jekk din ir-restrizzjoni għandhiex titqies bħala ġdida[55].

77. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-punt dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinvolvix *restrizzjoni* għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inqis li dan il-punt jitlob risposta pożittiva. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, skont ġurisprudenza stabbilita, leġiżlazzjoni interna li tissuġġetta l-eżerċizzju tal-provvista ta' servizzi fit-territorju nazzjonali, minn impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor, għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni amministrattiva tikkostitwixxi restrizzjoni għall-prinċipju fundamentali stabbilit mill-Artikolu 56 TFUE[56].

78. Għal dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-punt dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxix restrizzjoni *ġdida*, għandu jiġi stabbilit jekk din il-leġiżlazzjoni tippreżentax novità, fis-sens li hija għandha bħala konsegwenza li taggrava s-sitwazzjoni tat-trasportaturi Torok meta mqabbla ma' dik li tirriżulta mir-regoli li kienu applikabbli għalihom fl-Awstrija fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali fir-rigward ta' dan l-Istat Membru[57].

52 Il-qorti tar-rinviju ma tistaqsix espliċitament fuq il-klawżola "standstill", prevista fl-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali, imma tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod ġenerali, dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni mal-imsemmi protokoll. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk, formalment, il-qorti tar-rinviju llimitat id-domandi tagħha għall-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, tali ċirkustanza ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilha l-elementi ta' interpretazzjoni kollha tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk din il-qorti tkun irreferiet għalihom fid-domandi tagħha kif ukoll jekk ma tkunx għamlet dan. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeduċi, mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża. Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Otero Ramos (C-531/15, EU:C:2017:789, punt 40).

53 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et* (C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punti 92, 93, 102 u 105). Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali għandu effett dirett. Konsegwentement, din id-dispożizzjoni tista' tiġi invokata miċ-ċittadini Torok, li għalihom tapplika, quddiem il-qrati tal-Istati Membri. Ara s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2013, Demirkan (C-221/11, EU:C:2013:583, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Ara s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2013, Demirkan (C-221/11, EU:C:2013:583, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et* (C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punt 110).

56 Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et* (C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punt 111). Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipji aċċettati fil-kuntest tal-Artikoli tat-Trattat dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi għandhom jiġu trasposti, sa fejn huwa possibbli, għaċ-ċittadini Torok sabiex jiġu eliminati bejn il-Partijiet Kontraenti r-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Ara s-sentenza tal-24 ta' Settembru 2013, Demirkan (C-221/11, EU:C:2013:583, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2003, Abatay *et* (C-317/01 u C-369/01, EU:C:2003:572, punt 116).

79. F'dan ir-rigward, il-Gvern Awstrijak jindika li s-sistema ta' kwota prevista fil-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq kienet diġà fis-seħħ fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali fil-konfront tar-Repubblika tal-Awstrija, waqt l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 1995 [58].

80. Bla ħsara għal verifika dwar dan il-punt li għandha ssir mill-qorti tar-rinviju, jidher għaldaqstant li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni ma tinvolvix restrizzjoni ġdida għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali [59].

*4. Fuq il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità fir-rigward tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija*

81. CX iqis li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni twassal għal diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi Torok, bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni eżerċitata minħabba n-nazzjonalità fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi ftehim, peress li r-restrizzjonijiet marbutin mas-sistema ta' kwota fuq it-trasport ma japplikawx għat-trasportaturi li huma stabbiliti fl-Unjoni [60].

82. L-istess bħall-Gvern Awstrijak u dak Ungeriż kif ukoll bħall-Kummissjoni, inqis li l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija ma jipprekludix leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u dan għar-raġunijiet segwenti.

83. Fl-ewwel lok, inqis li l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija ma japplikax għal tali leġiżlazzjoni. Fil-fatt, skont kif inhu fformulat, din id-dispożizzjoni tapplika "bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari li *jistgħu jiġu stabbiliti* skont l-Artikolu 8" [traduzzjoni mhux uffiċjali] tal-imsemmi ftehim [61]. Għalkemm, fl-istat attwali tal-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija, ma jeżistux regoli speċifiċi fil-qasam tat-trasport [62], ma għandux jiġi eskluż li tali regoli jistgħu jkunu adottati mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija u l-Artikolu 42 tal-Protokoll Addizzjonali. Kif ġustament tirrileva l-Kummissjoni, il-fatt li jiġi applikat l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija għal-leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jantiċipa għaldaqstant il-kontenut ta' eventwali leġiżlazzjoni fil-qasam tat-trasport.

84. Fit-tieni lok, anki jekk wieħed jippreżumi li l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija japplika għal leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, inqis li tali leġiżlazzjoni ma twassalx għal diskriminazzjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

58 Sussidjarjament, il-Gvern Awstrijak isostni li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni hija, fi kwalunkwe każ, iġġustifikata minħabba raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, b'mod partikolari minħabba l-interessi tal-ekonomija u minħabba l-protezzjoni tal-popolazzjoni u tal-ambjent. Skont il-Kummissjoni, xejn ma jissuġġerixxi inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni mal-klawżola ta' "standstill". CX u l-Gvern Ungeriż ma esprimewx ruħhom fuq il-kwistjoni tal-konformità tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni mal-klawżola ta' "standstill".

59 Inżid ngħid li fil-fehma tiegħi, l-aġġustament kontinwu tal-*ammont* tal-kwota ffissat għat-trasportaturi Torok skont il-Ftehim Awstrija-Turkija dwar it-Trasport bit-Triq ma jistax jitqies bħala restrizzjoni ġdida fis-sens tal-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali. F'dan ir-rigward, infakkar li n-numru ta' awtorizzazzjonijiet jiġi stabbilit waqt negozjati bilaterali bejn l-Istati kkonċernati, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi marbutin mal-ekonomija u mal-volum tat-traffiku internazzjonali. Ara l-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-Artikolu 8(3) tal-GütbefG.

60 Ara l-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

61 Enfasi tiegħi.

62 Ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

85. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni ma tagħmel ebda distinzjoni skont il-post fejn ikun stabbilit it-trasportatur[63]. It-trattament differenti invokat minn CX, skont jekk it-trasportatur huwiex stabbilit jew le fi Stat Membru, huwa biss il-konsegwenza tad-diversi oqsma regolamentari applikabbli għat-trasportaturi stabbiliti fl-Unjoni, min-naħa, u għat-trasportaturi stabbiliti fit-Turkija, min-naħa l-oħra. Filwaqt li dawk tal-ewwel huma suġġetti għar-regoli komuni li jirrigwardaw it-trasport internazzjonali, b'mod partikolari dawk stabbiliti mir-Regolament Nru 1072/2009, dawk tal-aħħar ma humiex suġġetti għal tali regoli.

86. Minn dan isegwi li huma biss it-trasportaturi stabbiliti fl-Unjoni li għandhom il-possibbiltà li jibbenefikaw minn liċenzja Komunitarja maħruġa skont ir-Regolament Nru 1072/2009, li tikkostitwixxi waħda mill-forom ta' awtorizzazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni. Għat-trasportaturi Torok li l-attività tagħhom ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1072/2009, din il-possibbiltà ma teżistix u dawn it-trasportaturi huma għaldaqstant obbligati li jirrikorru għal forom oħra ta' awtorizzazzjoni sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni[64]. Din id-differenza, li hija dovuta minħabba d-diskrepanzi bejn ir-regoli applikabbli għat-trasportaturi tal-Unjoni u dawk applikabbli għat-trasportaturi Torok, ma tistax tiġi eliminata permezz tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija. Fi kliem ieħor, inqis li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi invokata sabiex tinkiseb liberalizzazzjoni tal-qasam tat-trasport internazzjonali, li sal-lum ma hijiex mixtieqa mill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija[65].

87. Abbażi ta' dan, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija ma jipprekludix leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

## V. Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija):

Il-ftehim li joħloq assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u l-Komunità, min-naħa l-oħra, u konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963, il-Protokoll Addizzjonali, iffirmat fit-23 ta' Novembru 1970 fi Brussell u konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972, u d-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali, ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li abbażi tagħha l-impriżi ta' trasport ta' merkanzija b'sede fit-Turkija jistgħu jwettqu trasport kummerċjali ta' merkanzija internazzjonali permezz ta' vetturi bil-mutur b'destinazzjoni lejn jew b'passaġġ minn ġot-territorju tal-Awstrija biss jekk ikollhom, għall-vetturi bil-mutur, dokumenti maħruġa fil-limiti ta' kwota ffissata skont ftehim bilaterali bejn ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Repubblika tat-Turkija, jew tinħarġilhom awtorizzazzjoni għal trasport wieħed ta' merkanzija, sakemm dan ikun ta' interess pubbliku maġġuri u huwa l-applikant li għandu jistabbilixxi b'mod suffiċjenti li t-trasport ma jistax jiġi evitat permezz ta' miżuri loġistiċi u lanqas permezz tal-għażla ta' mezz ieħor ta' trasport, bil-kundizzjoni li l-qorti tar-rinviju tkun żgurat ruħha li din il-leġiżlazzjoni ma tinvolvix restrizzjoni ġdida għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 41(1) tal-Protokoll Addizzjonali.

63 Ara l-punti 15 sa 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.
64 Ara l-punti 30 sa 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.
65 Ara wkoll il-punt 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.